

Brussell, 29 ta' April 2015
(OR. en)

8425/15

Fajl Interistituzzjonali:
2013/0285 (NLE)

MAR 59
ETS 3
MI 279
COMPET 174
EDUC 115
MARE 3
PECHE 148
SOC 270

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.	15863/14 MAR 182 ETS 31 MI 926 COMPET 638 EDUC 331 MARE 14 PECHE 555 SOC 810
Nru dok. Cion:	13350/13 ETS 29 MI 727 COMPET 625 EDUC 326 MAR 123 MARE 12 PECHE 359 SOC 660
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri biex jiffirmaw u/jew jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall- Persunal tal-Bastimenti tas-Sajd, 1995, tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali - <i>Adozzjoni</i>

INTRODUZZJONI

1. Fl-20 ta' Awwissu 2013, il-Kummissjoni ppreżentat din il-proposta lill-Kunsill.
2. Il-proposta għandha l-għan tawtorizza lill-Istati Membri biex isiru partijiet għall-Konvenzjoni Internazzjonali dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Persunal tal-Bastimenti tas-Sajd (il-Konvenzjoni STCW-F).

3. Il-Konvenzjoni STCW-F tfasslet taħt l-awspiċji tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) u ġiet adottata fl-1995. Hija daħlet fis-seħħ fl-2012. Il-Konvenzjoni STCW-F hija l-ewwel tentattiv biex l-istandards ta' sigurtà għall-ekwipaġġ ta' bastimenti tas-sajd isiru obbligatorji fuq livell internazzjonali.
4. Erba' Stati Membri tal-UE diġà aderixxew mal-Konvenzjoni STCW-F (id-Danimarka, Spanja, il-Latvja u l-Litwanja).
5. Skont il-Kummissjoni, xi partijiet tal-Konvenzjoni STCW-F jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' kwalifiki, miksuba minn ċerti kategoriji tal-ekwipaġġ tal-bastimenti tas-sajd, u jaffettwaw id-dispożizzjonijiet tat-Trattat u l-liġi sekondarja tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. Għaldaqstant, jeħtieġ li l-Istati Membri jkunu awtorizzati mill-Kunsill biex isiru partijiet għall-Konvenzjoni STCW-F.

Ħidma fi ħdan il-Kunsill

6. Il-proposta ġiet indirizzata l-ewwel darba fil-Grupp ta' Ħidma dwar Stabbiliment u Servizi, f'Ottubru 2013, taħt il-Presidenza Litwana.
7. Taħt il-Presidenza Ellenika, il-proposta ġiet trasferita għall-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu fuq talba ta' numru ta' delegazzjonijiet.
8. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu eżamina l-proposta f'diversi laqgħat matul il-Presidenza Ellenika u dik Taljana.
9. Fit-3 ta' Diċembru 2014, il-Kunsill qabel fil-prinċipju dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill u ddeċieda li jibgħatu lill-Parlament Ewropew għall-kunsens.

¹ Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

10. Il-Greċja, ir-Rumanija u l-Kummissjoni daħħlu dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill f' dik l-okkażjoni².
11. Fis-17 ta' Diċembru 2014, l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill intbagħat lill-Parlament Ewropew għall-kunsens tiegħu.

Ħidma fi ħdan il-Parlament Ewropew

12. Il-kumitat responsabbli tal-Parlament, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, ħatar lis-Sinjura Sofia Ribeiro (PPE-PT) bħala relatur.
13. Fit-28 ta' April 2015, il-Parlament Ewropew iddeċieda li jagħti l-kunsens tiegħu għal dan l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill.

KONKLUŻJONI

14. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill huma mistiedna biex jadottaw id-Deċiżjoni kif tinsab fid-dokument 15528/1/14 REV 1, imħejji mill-ġuristi-lingwisti.

² Dok. 15863/14 ADD 1 u ADD 2.